# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 117/2016PA**

**Masso Per Nordin [KI 0127714-(A)]**

**vs**

**Bling City Limited (C-62260)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fid-29 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallsu l-ammont globali ta' erbat elef, mitejn u hama u sittin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€4,265.43c), in kwantu ghall-ammont ta' tlett elef, mija u sitta u sittin Ewro (€3,166.00) rapprezentanti arretrati ta' paga relattivi ghax-xahar ta' Awissu 2014, kif pattwit fil-kuntratt ta' mpjieg rlattiv; erba' mija u sittax-il Ewro u hamsa u tletin centezmu (€416.35c) rapprezentanti l-ammont dovut lill-attur ghar-rigward ta' erbat-(4) ijiem stipulati bhala *'Pro Rated Holiday Entitlement due to prior employment'* fl-istess kuntratt ta' impjieg, u liema beneficcju ma giex utilizzat mill-attur matul il-perjodu ta' impjieg tieghu mas-Socjeta' intimata; l-ammont ta' sitt mija, erbgha u ghoxrin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€624.53c) rapprezentanti l-ammont dovut lill-attur ghar-rigward ta' sitt-(6) ijiem ta' *Holiday Entitlement* mhux utilizzati minnu matul l-imsemmi perjodu ta' impjieg; l-

ammont ta' tmienja u hamsin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€58.55c) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attur in konnessjoni mal-istess impjieg u mhux rifuzi lilu, liema ammonti kostituttivi huma dovuti lilu in konnessjoni mal-impjieg tieghu fuq bazi *full-time* u ghal zmien bla limitu mas-Socjeta' intimata, liema impjieg kien regolat permezz ta' kuntratt ta' mpjieg datat 28 ta' Mejju 2014, kif ukoll mill-ittra rilaxxata mill-istess Socjeta' intimata nhar id-19 ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax, u dan bejn l-1 ta' Gunju tas-sena 2014 u l-31 ta' Awissu tas-sena 2014, liema impjieg gie tterminat mis-Socjeta' intimata minhabba *redundancy* u dan kif jirrizulta mill-formola relattiva ghat-terminazzjoni tal-istess impjieg; bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali 184/2016, kif ukoll dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammonti kostituttivi reklamati mill-attur saru dovuti lilu sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont globali hawn reklamat fl-intier tieghu, kontra s-Socjeta' intimata u bl-ingunzjoni ta' rapprezentanti taghha ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti ezibiti mill-attur mal-Avviz tat-Talba, senjatament kopja tal-kuntratt tal-impjieg datat 28 ta' Mejju 2014 (Dok. 'MN1'); skeda tal-ispejjez (Dok. 'MN2'); konferma tal-impjieg tal-attur (Dok. 'MN3'); u avviz tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur (Dok. 'MN4').

Ra li s-Socjeta' konvenuta, debitament notifikata fl-ufficju registrat taghha bil-mezz tal-publikazzjoni u l-affissjoni, baqghet ma pprezentatx Risposta.

Ra li fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2016, l-attur prezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-Socjeta' konvenuta, li bih iddikjara li ried jipprova bil-gurament tal-istess Socjeta' konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Ra li t-Talba thalliet ghall-udjenza tallum, sabiex is-Socjeta' konvenuta tidher u quddiem it-Tribunal.

Ra li, minkejja dan, is-Socjeta' konvenuta 'Bling City Limited' naqset li tidher minghajr ma tat raguni tajba.

Ikkunsidra, wara li ra l-Avviz tat-Talba u d-dokumenti hemm annessi, li l-kapitolu pprezentat mill-attur gie ammess u accettat mis-Socjeta' konvenuta fit-termini tal-ligi.

Qies pero' li, billi r-relazzjoni bejn l-attur u s-Socjeta' konvenuta, kif regolata mill-kuntratt tax-xoghol datat 28 ta' Mejju 2014 (Dok. 'MN1') kienet ta' natura civili, u li l-ewwel intimazzjoni tal-attur ghall-hlas tas-somma mitluba saret bl-ittra ufficjali ezekuttiva numru 184/2016, l-imghax beda jghaddi minn meta saret din is-sejha, kif stipulat fl-artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma mitluba ta' erbat elef, mitejn u hama u sittin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€4,265.43c), bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 184/2016, u bl-ispejjez kif mitluba fl-Avviz tat-Talba, u konsegwentement qed jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef, mitejn u hama u sittin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€4,265.43c), bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 184/2016, u bl-ispejjez kif mitluba fl-Avviz tat-Talba.

**Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Gudikatur**